DUN KARM SANT, LI TWIELED FIT-23 TA' JANNAR TA' 100 SENA ILU, KIEN PROFESSUR TAL-ISKRITTURA MQADDSA U ĦA ĦSIEB IT-TRADUZZJONI TAGĦHA GĦALL-MALTI BIEX TKUN MIFHUMA AĦJAR WAQT IL-QUDDIES, B'LINGWAĠĠ AKTAR TAL-POPLU MINN DIK TAL-PROFESSUR SAYDON



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com

# IL-PROFESSUR DUN KARM SANT: 100 SENA MINN TWELIDU



### "Tal-Fjuri"

Dun Karm Sant twieled fi Triq Santa Marija Ħal Tarxien, nhar it-23 ta' Jannar 1921. Bin Emmanuel u Madalena mwielda Penza, it-tnejn minn Ħal Tarxien, Karmenu kien il-kbir fost dawk li għexu, għax erbgħa minn ħutu mietu. Missieru Emmanuel kien jaħdem it-Tarzna iżda kien ukoll ibigħ il-fjuri li kien ikabbar fil-ġnien kbir li kellu wara d-dar. Huwa għalhekk li l-familja Sant kienet magħrufa bħala "Tal-Fjuri".

It-tfajjel Karmenu ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' raħal twelidu. Is-Surmast kien jinkwieta li qatt ma kien jarah jilgħab ma' sħabu u darba sejjaħ lil ommu biex jgħidilha li binha, minflok jirrikrea ruħu bħat-tfal l-oħrajn, kien dejjem f'xi rokna bi ktieb f'idu. Ta' 11-il sena mar il-Liċeo u 7 snin wara daħal l-Università jistudja t-Teoloġija.



### Tliet Aħwa Saċerdoti

Il-familja tiegħu dejjem baqgħet toqgħod Ħal Tarxien, iżda matul il-Gwerra kienu marru għal ftit f'Ħal Qormi. Iżda hu flimkien ma' ħutu riedu jmorru lura fir-raħal tagħhom, kif fil-fatt għamlet il-familja kollha.

Huwa ġie ordnat qassis fl-1946. Mill-aħwa Sant kien hemm tliet saċerdoti: Dun Karm, Dun Ġwann u Toninu li daħal Dumnikan bħala Patri Umbertu u miet sitt xhur biss wara l-ordinazzjoni tiegħu.

### Studji Bibbliċi

Wara l-ordinazzjoni, Dun Karm kien mar Ruma biex hemm studja l-Iskrittura Mqaddsa fl-Istitut Pontifiċju Bibbliku. Fl-1950, ġab id-Dottorat fit-Teoloġija. Fl-1961 kompla jispeċjalizza fl-istudji bibbliċi u tliet snin wara kiseb l-ogħla grad fis-suġġett. Tul iż-żmien li għadda f'Ruma, kien anke lettur tal-Istorja tat-Testment il-Qadim fl-Università Loyola.

### Professur tal-Iskrittura

Fis-sena 1964 kien maħtur Professur tal-Iskrittura Mqaddsa fl-Università ta' Malta u ssuċċieda lill-għalliem tiegħu l-Professur Pietru Pawl Saydon. Bejn Sant u Saydon kien hemm ħbiberija kbira. Dun Karm kien ġej u sejjer iż-Żurrieq għand Saydon u l-Professur Żurrieqi kien anke l-parrinu fl-ordinazzjoni ta' Dun Ġwann, ħu Dun Karm.

Fl-1969, kien sar Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija. Kien eżaminatur tal-Iskrittura, l-Ebrajk, Grieg Bibliku u Klassiku, Għarbi u Malti. Bejn l-1964 u l-1978 kien membru tas-Senat tal-Università u fis-sentejn ta' wara kien membru tal-Kunsill tal-Università.

Dun Karm spiċċa mill-Università meta kien tneħħa s-suġġett tat-Teoloġija. Iżda huwa xorta kompla jgħallem lil dawk li jkunu mexjin lejn is-saċerdozju fis-Seminarju Tal-Virtù.

### Sant u Saydon

L-imħabba lejn it-tagħlim tal-Bibbja u x-xewqa tiegħu li l-Kotba Mqaddsa jixterdu aktar fost il-poplu Malti kienu kbar u dawn ħeġġewh biex fl-1958 waqqaf l-Għaqda Biblika Maltija li l-ewwel President tagħha kien Saydon u Sant kien Segretarju.

Il-Bibbja ta' Saydon, xogħol monumentali, kienet miktuba b'Malti safi u mhux kulħadd seta' jifhimha faċilment. "Il-Bibbja ta' Saydon ma kinitx inftiehmet," jikteb Oliver Friggieri, "jew aħjar ma ġietx apprezzata, u wisq inqas ma kien hemm ir-rispett li jistħoqq lil persunaġġ bħalu... Hu ma riedx lil min imisslu kelma waħda biss minnha."

"Din l-istorja kollha kienet weġġgħet ħafna lill-Monsinjur Professur Karm Sant," jgħid Friggieri, "li lil Saydon kien iqimu ħafna u kien jaf li ma kienx se jċedi għat-tibdil biex il-verżjoni tiegħu tkun aċċettata. Dun Karm Sant, bniedem prattiku ħafna u mimli rispett lejn il-kollegi, xtaq il-kompromess, iżda Saydon kien ilu li qal 'Daqshekk!'" (Fjuri li ma jinxfux, 2008)

### Traduzzjoni Ġdida tal-Bibbja

Il-Knisja ħasset li kien jeħtieġ li tinkiteb verżjoni ġdida tal-Bibbja b'lingwaġġ aktar popolari għall-qud-

dies.Dun Karm daħal għal din il-biċċa xogħol fl-1966 bil-għajnuna ta' kummissjoni ta' tradutturi speċjalisti taħt il-presidenza tiegħu. Din it-traduzzjoni li kellha ssir mill-Ebrajk u l-Grieg, ħadet 15-il sena sħaħ u ġiet ippubblikata f'volum wieħed fl-1984.

"Fl-aħħar, il-ħolma tagħna kienet saret realtà," jgħid Dun Karm Sant, "fit-23 ta' Novembru 1984 meta l-ewwel kopja tal-Bibbja sħiħa bil-Malti kienet ippreżentata lill-Arċisqof. Jiena stess preżentajt kopja lill-Qdusija tiegħu l-Papa nhar is-26 ta' Frar 1986." (Melita Theologica, Supplementary Series No. 2)

Minħabba r-rabta tiegħu mal-istudju tal-Bibbja u l-fatt li kien membru f'ħafna għaqdiet internazzjonali dwar l-Iskrittura, bħas-Societa Biblica Italiana, Catholic Bible Association of America, u Catholic Bible Association of United Kingdom, Dun Karm kellu ħafna ħbieb barranin li kienu għaddejjin fi studji bħalu. Kienu jiġu ħafna skulari barranin iżuruh u hu kien jeħodhom jaraw il-gżejjer u l-Grotta ta' San Pawl, żewġ postijiet lokali marbuta mal-Kotba Mqaddsa.

Ħafna artikli ta' studji tal-Professur Karm Sant jidhru fil-Melita Theologica.

## Traduzzjonijiet u Xogħlijiet oħra

Sant qaleb għall-Malti żewġ enċikliki li huma r-Rerum Novarum u Quadrogesimo Anno. Kiteb ukoll dwar it-Testment il-Qadim skond Ewsebju ta' Cesarea, dwar il-perspettiva bibblika tal-ambjent naturali, dwar l-istorja ta' traduzzjonijiet bibbliċi għall-Malti qabel il-verżjoni tiegħu, u ħafna dwar il-ħajja tal-Madonna.

Infatti fl-40 sena anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, Dun Karm Sant kien qaleb għal ilsienna Innu Liturġiku Bizantin lill-Madonna ta' Akathistos li kien ippubblikat f'Ruma fl-1990 u fih, fil-qari tat-test oriġinali, kien għenu saċerdot tar-rit Grieg il-Papas Giorgio Mifsud.

Kien qaleb ukoll għall-Malti t-Twavel Proto Feniċi ta' Ras Xamara, u ttraduċa għall-Ingliż il-poeżija kbira ta' Dun Karm "Non Omnis Moriar".

Kontribut lill-Ilsien Malti

Dun Karm Sant ta kontribut kbir b'risq l-ilsien Malti. Huwa kien membru fl-Għaqda tal-Malti (Università) li għamel żmien Segretarju tagħha u fl-Akkademja tal-Malti fejn għamel żmien bħala Viċi President. Kiteb studji dwar personaġġi ewlenin fil-mixja tal-lingwa Maltija bħalma huma Mikiel Anton Vassalli, Ġużè Muscat Azzopardi u Dun Karm Psaila.

Dun Karm Sant interessa ruħu ħafna f'Vassalli għax dan kien l-ewwel wieħed li għamel traduzzjoni serja ta' siltiet mill-Bibbja iżda mbagħad baqa' jistudja dwaru minn aspetti bijografiċi u akkademiċi.

Dun Karm Sant innifsu jgħid hekk: "L-iżvilupp tal-Ilsien Malti u t-traduzzjoni tal-Bibbja dejjem kienu relatati b'mod ċar. Ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid li kien l-interess fil-Bibbja li ta ħajja ġdida lill-istudju tal-Malti fil-bidu tas-seklu 19, wara l-ħidma ta' Mikiel Anton Vassalli f'dal-qasam fi tmiem is-seklu 18." (Melita Theologica, Supplementary Series No. 2)

Ħafna studji ta' Sant jinsabu f'Leħen il-Malti u Il-Malti. Kiteb diversi papers fuq il-Malti fosthom "X'hemm moħbi f'Il-Jien u lil Hinn *Minnu*", "*Il-Malti fl-Edukazzjoni*", "Il-Poeta Nazzjonali" u "Il-Ġifen Tork ta' Ġan Anton Vassallo".

## Difensur tal-Malti

Il-poeta Alfred Massa, ko-fundatur tal-Għaqda Poeti Maltin, jgħid li Dun Karm Sant kien joqgħod żewġ passi 'l bogħod minnu u kien ħabib kbir tiegħu. "Għalija Dun Karm kien ukoll ħabib kbir tal-Malti. Hawn wieħed ma jridx jinsa li Dun Karm kellu ħafna ħbieb li taw sehem kbir fil-qasam tal-Malti bħal Ninu Cremona, Ġużè Aquilina, Saydon, Ġużè Cassar Pullicino, u fuq kollox Dun Karm Psaila li Sant kien iltaqa' miegħu fl-1932 meta Psaila kien biblijotekarju. Ma' dawn, Dun Karm Sant ħadem ħafna b'riżq il-Malti li dak iż-żmien kien għaddej minn żmien xejn feliċi minħabba l-Kwistjoni tal-Lingwa."

Dun Karm kien jemmen sħiħ fl-importanza tal-Malti. Kien kiteb hekk: "L-Ilsien Malti hu fih innifsu monument tal-ħajja Maltija fost ilfaqar u t-tbatijiet matul l-istorja. Dak il-ħin li niċħdu lsienna aħna nintilfu bħala nazzjon u nitilfu wkoll l-individwalità tagħna." Fl-Università, Prof Sant kien għamel żmien ukoll aġent kap tad-Dipartiment tal-Malti wara li fl-1976 Ġużè Aquilina kien irriżenja bl-età. Din Massa jsejħilha "l-ogħla quċċata li laħaq Dun Karm Sant b'riżq ilsienna".

## Ħidma pastorali

Għalkemm Dun Karm Sant dejjem baqa' saċerdot fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien, ix-xogħol kbir li kellu ftit kien iħallilu ħin għal ħidma parrokkjali. Huwa kien, iżda Kappillan tas-sorijiet tal-karità fl-istess raħal u kien iqaddes għandhom kuljum. Kien eżaminatur tal-kleru fil-Kurja ta' l-Arċisqof u fl-1969 ġie maħtur kappillan tal-Qdusija Tiegħu Papà Pawlu VI bit-titlu ta' Monsinjur. Huwa nħatar Kanonku tal-Katidral fl-1977.

Massa jgħid li Dun Karm Sant "bħala qassis kien jaħdem ħafna avolja mgħobbi bix-xogħol u niftakru kull filgħaxija kien iħalli ftit ħin u jitlaq l-istudju u r-raħal, u jmur jitlob, l-iktar is-Sibt wara nofsinhar."

## Fundatur tal-Grupp Ekumeniku

Fl-ispirtu tal-Konċilju Vatikan II (1959-1965), Dun Karm Sant kellu għal qalbu ħafna l-moviment ekumeniku, jiġifieri l-ħidma għall-għaqda bejn il-Knejjes Insara: Kattoliċi, Protestanti u Ortodossi, u f'dawk is-snin kien hu li waqqaf f'Malta l-Grupp Ekumeniku. Jirrakkonta l-Ġiżwita Anton Azzopardi:

"L-ewwel kuntatt li kellu mal-ekumenisti kien fil-bidu tas-snin sittin meta r-Reverendu Professur Karm Sant stedinni ningħaqad mal-Grupp Ekumeniku li kien jiltaqa' darba f'xahar biex jitolbu u jiddiskutu suġġetti teoloġiċi. Niftakar li fid-diskussjonijiet tagħna konna nevitaw kemm nistgħu punti ta' diverġenza biex ma nweġġgħu is-sentimenti u t-twemmin ta' ħadd. Qassisin u Ministri ta' diversi denominazzjonijiet, xi uħud minnhom chaplains tas-Servizzi Ingliżi f'Malta, (konna nkunu xi tużżana b'kollox) konna niltaqgħu f'atmosfera ta' ħbiberija sinċiera u ġentili u kordjalità." (Christian Churches and Reunion, 2003)

Sant kien ħabib kbir tar-Reverendu Colin Westmarland li kien jieħu ħsieb il-Knisja tal-Iskoċċiżi, St Andrew's Scots' Church il-Belt. Westmarland kien Ministru Presbiterjan taċ-Church of Scotland f'Malta għal 27 sena (1975-2002). Il-ħbiberija ta' bejniethom wasslet ukoll għal kollaborazzjoni twila bejn Westmarland u l-Għaqda Biblika Maltija.

## Jidher żorr imma ma kienx

Bħala karattru, Dun Karm kellu dehra ta' wieħed imkabbar jekk mhux ukoll żorr, iżda kif tkellmu tinduna kemm tkun mort imqarraq. Alfred Massa jgħid li "veru kien bniedem riservat imma kellu qalb tad-deheb". Kien bniedem paċenzjuż u jekk jinduna li teħtieġ xi ħaġa jara kif jagħmel u jgħinek. "Ħafna Tarxiniżi sabu għajnuna kbira mingħandu. Għajnuna materjali u anke spiritwali. Imma Dun Karm kien bniedem li ma jħobbx idoqq trombi," jgħid Massa.

Kien iħobb jirrakkonta u jgħallem, u kien ċajtier ukoll. Kien iħobb imur xi passiġġata, iżda aktar kont issibu fl-istudju tiegħu jaqra, jgħallem jew jiddiskuti s-suġġetti tiegħu.

## Lil Malta għamlilha ġieħ

Bħala mużika, Dun Karm kien iħobb dik sagra speċjalment il-Gregorjan u għanjiet lill-Ħallieq f'diversi ilsna. Joe Julian Farrugia jgħid li Dun Karm Sant dam ma beda jsuq sa meta kellu 'l fuq minn 50 sena, u għalkemm tgħallem kbir, kien xtara Volkswagen u biha kien imur kullimkien.

L-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom fid-Dar tal-Kleru u l-iktar ħaġa li kienet tnikktu kien li beda jitlef id-dawl t'għajnejh. Lil Massa kien jgħidlu, "Id-dawl għalija huwa l-ħajja" għax meta ma setax jaqra ħajtu kienet spiċċat. Dun Karm Sant miet nhar it-23 ta' Settembru 1992 fl-età ta' 71 sena u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Ħal Tarxien. Malta kienet tilfet studjuż li tassew għamel ġieħ lil pajjiżu. Għalih ġew imsemmija skola u triq f'Ħal Tarxien.

*(Ħafna mit-tagħrif huwa meħud minn "Għamlu Isem" ta' Joe Julian Farrugia, mill-programm radjufoniku "Niesna" ta' Sergio Grech, u mill-Melita Theologica)*

